Mellieħa

13 ta' Lulju 2022

# IT-TMIEN KUNSILL

## AĠENDA Numru 40

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fis-Seduta tal-Kunsill Lokali numru **40** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju 2022 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

## AĠENDA

40.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

40.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

40.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

40.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

40.5. L-Istqarrijiet Finanzjarji wara l-verifika u l-Ittra ta' Direzzjoni għas-Sena Finanzjarja 2021;

40.6. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin;

40.7. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt (MLC 4/2022) – Xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja;

40.8. Tneħħija ta' pjattaforma f'Misraħ il-Parroċċa b'rabta mal-Festa tal-Vitorja;

40.9. Progett pilota dwar l-installazzjoni ta' batteriji mas-sistema fotovoltaika nstallata fl-uffiċċju tal-kunsill;

40.10. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

40.11. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

**MOZZJONI**

40.7. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg li tgħid:

*"Billi saret sejħa għal offerti MLC 4/2021, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi xogħlijiet ta tiswija u manutenzjoni fil-multi-purpose court li jifforma parti mill-Park tal-Familja, Triq Ġuże' Flores;*

*Billi sar rapport tekniku mill-perit konsulent inkarigat mill-Kunsill, kif ukoll saret evalwazzjoni mill-Kumitat tal-Evalwaturi tal-unika offerta li saret, assistita minn kampjuni u kjarifiki mitluba mingħand l-offerent Aretrop Ltd, skont il-minuti tal-istess kumitat tat-30 ta' Ġunju u t-18 ta' Lulju 2022; u*

*Billi l-ftehim tal-għotja li sar mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali jipprovdi fondi għal finanzjament parżjali taħt l-iskema SPI/SCI/2/2021, flimkien ma' fondi tal-Kunsill allokati taħt il-vot 7509 fl-Estimi Finanzjarji 2022;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Aretrop Ltd, li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti.". (P/4/6/Vol VI)*

John Buttigieg
Viċi Sindku – Proponent

Emvin Bartolo
Kunsillier – Sekondant